# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**Spettur Charlotte Curmi**

**Vs**

**Maria Privitiera**

**Kawza: Kollizzjonijiet**

**Illum: 23 ta’ Ottubru, 2023.**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Maria Privitera 26456M bint Carmel u Francesca nee Caruana mwielda fit-28 .12.1955 u toqghod 35,

Triq ir-Ratal, Swieqi u talli akkuzata li fl-20 ta' Gunju, 2019 ghall-habta ta' 18:30 hrs fi Triq Joe Sciberras, Hamrun soqt vettura nru RJX100.

1. U aktar meta b'nuqqas ta hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-trafikku nvolontarjament ikkagunajt offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Maria Borg skond kif iccertifika Dr J Mifsud MD mill-MDH.
2. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata.
3. U aktar talli soqtr l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza.

Il-Prosekuzzjoni talbet li tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Rat l-artikoli 226 tal-Kap 9 u Art 15(1)( a)(2) tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nomina tal-Perit Tekniku Robert Musumeci fit-2 ta' Novembru, 2020 li ezebixxa r-rapport tieghu Dok RM fit-12 ta' Lulju, 2021.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet l-Imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**PS 477 Kyle Bugeja** ezebixxa DOK KB filmat tal-incident.

**Rat** ir-rapport Dok Rm tal- Perit Robert Musumeci Musumeci u x-xhieda migbura quddiemu ta' Maria Borg u WPC 259 Christabelle Zammit, PS 267 Anthony Cassar u PC 1056 Karl Debono PC 1469

Emerson Debono. Robert Musumeci xehed dwar in-nomina tieghu fit-12 ta’ Lulju, 2021.

**<u>Maria Privitiera xehdet hekk :</u>**

Avu: Mela ghidilna x`gara dak in-nhar sinjura inti kont prezenti?

Xhud: Mela kont hierga minn Mountbatten Street hierga lejnir-roundabout Mountbatten street qeghda fejn hemm il-head quarters tan-Nazzjonalisti kont hierga lejn ir-roundabout fit-tarf tar-roundabout dejjem dejjem nieqaf kompletament it-triq nafha sewwa twelidt hemm trabbejt hemm id-dar tal-familja tieghi hemm kont ninzel ghand ommi mela fit-tarf tat-triq waqaf kompletament ikun hemm zewg karreggati gejjin ghall-fuqi meta t-triq tkun dejjem kompletament vojta nohrog mit-tarf tat-triq ghall-fuq ir-roundabout, ir-roundabout kbira l-haxix kien gholi ukoll hemmekk kif naqbad ir-roundabout ghall-karregata fuq ix-xellug li hija Schembri street meta nara li t-triq hija vojta naqta r-roundabout biex nibda it-telgha ta` Sciberras street ezatt fit-tarf ta` Sciberras street ezatt fir-rokna nara sinjura tgholli idejha u harget tigri ghall-fuq il-karozza tieghi qassmet it-triq jiena,

Qorti: Fejn kienet liema direzzjoni?

Xhud: Mela kienet wara r-roundabout ezatt fil-kantuniera taht id-Doneo.

Avu: Tigi fuq liema naha tigi tieghek?

Xhud: Mela hi s-sinjura kienet fuq il-lemin jien ghaddeja mil-kareggata extreme left gholliet idejha u qassmet it-triq and she sprinted out gifieri it was a very quick.

Qorti: Mid-Doneo ghan-naha tieghek?

Xhud: Iva, issprintjat ftit il-fuq kont naf li hemm ir-roundabout u igifieri rari li jkun hemm nies jaqsmu minn hemm mit-tarf tat-triq mir-rokna ghax ftit il-fuq hemm roundabout qasmmitha triq naturalment il-karozza ma kienx hemm hin biex tieqaf fil-hin.

Qorti: Kontro Ezami.

Avu: Sinjura inti b`liema parti tal-karozza tieghek ilqatt lil Maria Borg hemm ic-CCTV hux hekk sinjura Magistrat hekk suppost?

Pros: Hemm l-istills nista nara l-process sinjura?

Qorti: Iva, dawn gew ezebiti igifieri?

Pros: Qeghdin kemm mar-rapport tad-dottor Musumeci u kemm gew ezebiti, qed naghmel referenza ghall-DOK 1 tarafha il-vettura tieghek sinjura din?

Xhud: Il-griza?

Pros: Le.

Xhud: Din tieghi is-sewda.

Qorti: Dawk x`inhuma stills mic-CCTV?

Pros: Ijja.

Xhud: It`s just the front of the car that shows,

Qorti: Mela jekk ma tistax tghid ghidli ma nafx,

Xhud: Ma nafx mela.

Pros: Qed nurik DOK 8 ritratt x`taf tghidli fuqu?

Xhud: Dik hemm karozza tieghi wara l-griza.

Pros: X`tiftakar fuq dak in-nhar sinjura?

Xhud: Xokk kbir fuqi nibki u nwerzaq.

Pros: Is-sinjura kif qed taraha hemmekk?

Xhud: Kienet fl-art hemmekk.

Qorti: Kemm hi l-boghod iz-zebra crossing minn hemm?

Xhud: Smajt il-Perit jghid 57 meters.

Qorti: Igifieri dil-karoza il-griza kienet ipparkjatha?

Xhud: Iva.

Qorti: U inti ovvjament ghaddejt?

Xhud: Mil-karregata tieghi,

Qorti: Issa hawnekk mhijiex cara jekk hux ipparkeggjata minn kif qed taghddi int jew qbiztha jew ghaddejt minn bizwitha qed nassumi li kif qed nghid jiena?

Xhud: Minn bizwita ghax hemmekk hemm l-Universita ta` St. Martins.

T-Tabib James Mifsud xehed permezz ta’ Affidavit

Dok CZ

**Ikkunsidrat**

Illi t-triq fejn sar l-incident, Triq Joe Sciberras hi triq arterjali. Din munita b’zebra crossing. Fil-fatt is-sinjal taz-zebra crossing jidher kemm fis-CD ezebit Dok KB , fl-istills Dok 1sa 9 u fil- pjanta a fol 38 tad-dok RM. Meta Maria Borg ghazlet li taqsem minn talli triq fil-bokka tar-roundabout meta tali triq kienet munita b’zebra crossing ifisser li hi ikkrejat emergenza subitanja lil Maria Privitera li ma kenitx f’posizzjoni li tirrejagixxi ghaliha.

**Decide**

Ghaldaqstant ma issibx lil Maria Privitera hatja ta’ l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet u tilliberha minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**